Nru. 815

TISMIJA TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.10, il-Prim Ministru ordna t-tismija tat-toroq kif speċifikat u indikat hawn taħt.

No. 815

NAMING OF STREETS IN MALTA

IN exercise of the powers conferred by Subsidiary Legislation 363.10, the Prime Minister has directed the naming of the streets as specified and indicated hereunder.

IL-MARSA

Triq mingħajr isem uffiċjali li tibda k/m Triq Aldo Moro u tispiċċa k/m Triq ix-Xwieni, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ IL-BINI TAL-VAPURI



IL-MARSA

Triq mingħajr isem uffiċjali li tibda k/m Triq il-Bini tal-Vapuri, imsemmija f'din in-Notifikazzjoni u tispiċċa k/m Triq Troubridge, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ IL-KARRISTI




ĦAŻ-ŻABBAR

KJARIFIKA TA' ESTENSJONI

L-estensjoni ta' Sqaq il-Biedja, ippubblikata b'Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 47, tal-10 ta' Jannar 2025, għandha tiġi kkjarifikata hekk kif indikat b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta.

SQAQ IL-BIEDJA



IL-QRENDI

SANZJONAR

Triq komunement magħrufa bħala Triq Ta' Ħassajek li tidħol għaliha k/m Triq Ħaġar Qim, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tiġi ssanzjonata bħala:

TRIQ TA' ĦASSAJEK



IR-RABAT (M) / Ħ'ATTARD

Triq komunement magħrufa bħala Triq Buqana, li tibda k/m Triq San Pawl tal-Qliegħa, Il-Mosta u tispiċċa k/m Triq Ta' Vnezja, Ħ'Attard, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ BUQANA



ĦAL SAFI

SANZJONAR

Sqaq komunement magħruf bħala Sqaq Karwija li tidħol għalih k/m Triq Tal-Karwija, indikat b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, jiġi ssanzjonat bħala:

SQAQ KARWIJA

